# DIKJARAZZJONI
## fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju ta' l-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma

Għal sekli sħaħ l-Ewropa kienet idea, li offriet it-tama ta' paċi u komprensjoni. Dik it-tama issa twettqet. L-unifikazzjoni Ewropea għamlitha possibbli li jkun hawn il-paċi u l-prosperità. Ġabet sens ta' għaqda u għelbet id-differenzi. Kull Stat Membru għen biex jgħaqqad l-Ewropa u biex jissaħħu d-demokrazija u l-istat tad-dritt. Bis-saħħa tal-ħerqa għal-libertà tal-popli ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant il-qasma mhux naturali ta' l-Ewropa issa saret parti mill-imgħoddi. L-integrazzjoni Ewropea turi li tgħallimna mill-esperjenzi koroh ta' storja kkaratterizzata minn konflitti mdemmija. Illum qed ngħixu flimkien bħalma qatt ma kien possibbli qabel.

Aħna, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, ingħaqadna għall-aħjar.

I.

Fl-Unjoni Ewropea, qed insawru l-ideali komuni tagħna f'realtà: għalina, l-individwu jiġi qabel kollox. Id-dinjità tiegħu hija invjolabbli. Id-drittijiet tiegħu huma inaljenabbli. L-irġiel u n-nisa jgawdu drittijiet ugwali.



Qegħdin inħabirku għall-paċi u l-libertà, għad-demokrazija u l-istat tad-dritt, għar-rispett reċiproku u r-responsabbiltà komuni, għall-prosperità u s-sigurtà, għat-tolleranza u l-parteċipazzjoni, għall-ġustizzja u s-solidarjetà.

Il-mod tagħna ta' kif ngħixu u naħdmu flimkien fl-Unjoni Ewropea huwa uniku. Dan huwa espress permezz ta' l-interazzjoni demokratika ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej. L-Unjoni Ewropea hi msejsa fuq drittijiet ugwali u kooperazzjoni ta' appoġġ reċiproku. B'hekk aħna nistgħu nsibu bilanċ ġust bejn l-interessi ta' l-Istati Membri.

Fl-Unjoni Ewropea aħna nħarsu l-identitajiet u t-tradizzjonijiet differenti ta' l-Istati Membri tagħha. Il-fruntieri miftuħa u diversità vivaċi ta' ilsna, kulturi u reġjuni jagħmluna għonja. Hemm bosta għanijiet li ma nistgħux nilħqu waħedna, iżda biss flimkien. Il-ħidma tinqasam bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u r-reġjuni u l-awtoritajiet lokali tagħhom.

II.

Quddiemna għandna sfidi kbar li ma jiqfux fil-fruntieri nazzjonali. L-Unjoni Ewropea hi t-tweġiba tagħna għal dawn l-isfidi. Huwa biss flimkien li nistgħu nkomplu nħarsu l-ideal tagħna ta' soċjetà Ewropea fil-ġejjieni għall-ġid taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-mudell Ewropew jgħaqqad is-suċċess ekonomiku mar-responsabbiltà soċjali. Is-suq komuni u l-euro jagħmluna b'saħħitna. B'hekk nistgħu nsawru l-interdipendenza dejjem tiżdied ta' l-ekonomija globali u l-kompetizzjoni dejjem akbar fis-swieq internazzjonali skond il-valuri tagħna. Il-ġid ta' l-Ewropa jinsab fl-għarfien u l-kapaċità tal-poplu tagħha; dak huwa l-muftieħ għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

OA-77-07-268-MT-D

III.

SER NIKKUMBATTU t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-immigrazzjoni illegali flimkien. Niddefendu l-libertajiet u d-drittijiet ċivili wkoll fil-ġlieda kontra dawk li jopponuhom. Ir-razziżmu u l-ksenofobija m'għandhom qatt aktar jingħataw ir-riedni.

AĦNA IMPENJATI għar-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti fid-dinja u biex niżguraw li l-bnedmin ma jsirux vittmi tal-gwerra, tat-terroriżmu u tal-vjolenza. L-Unjoni Ewropea trid tippromwovi l-libertà u l-iżvilupp fid-dinja. Irridu nreġġgħu lura l-faqar, il-ġuħ u l-mard. Bi ħsiebna jibqa' jkollna rwol ewlieni f'dik il-ġlieda.

FLIMKIEN BI ĦSIEBNA nkunu fuq quddiem fil-politika dwar l-enerġija u fil-protezzjoni tal-klima u nagħtu l-kontribut tagħna biex tiġi evitata t-theddida globali tat-tibdil fil-klima.

L-UNJONI EWROPEA ser tibqa' tistagħna billi tkun miftuħa u tibbaża fuq ir-rieda ta' l-Istati Membri tagħha li jikkonsolidaw l-iżvilupp intern ta' l-Unjoni. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tippromwovi d-demokrazija, l-istabbiltà u l-prosperità lil hinn mill-fruntieri tagħha.

BL-UNIFIKAZZJONI EWROPEA l-ħolma tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel saret realtà. L-istorja tagħna tfakkarna li dan għandna nipproteġuh għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet futuri. Għal dik ir-raġuni għandna dejjem inġeddu s-sura politika ta' l-Ewropa skond iż-żminijiet. Hu għalhekk li llum, 50 sena wara l-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma, ninsabu magħqudin fl-għan tagħna li nqiegħdu lill-Unjoni Ewropea fuq bażi komuni mġedda qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-2009.

GĦAX AĦNA NAFU LI L-EWROPA HIJA L-ĠEJJIENI KOMUNI TAGĦNA.

Magħmul f'Berlin, fil-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa.

| Għall-Parlament Ewropew<br>Il-president | Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea<br>Il-president | Għall-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea<br>Il-president |
|---|---|---|
| Hans-Gert Pöttering | Angela Merkel | José Manuel Barroso |